# 10 IDEAT AĊĊETTATI DWAR IL-BILINGWIŻMU U T-TAGĦLIM BILINGWU

Le fil pluriLingue
Pour une éducation aux langues

## #1

### ~~Il-monolingwiżmu huwa~~

~~l-istandard u l-bilingwiżmu huwa eċċezzjoni.~~

**Falza.** Huwa stmat li **40%** tal-popolazzjoni tad-dinja ta' kuljum titkellem aktar minn lingwa waħda.

## #2

### ~~Li tkun bilingwu tfisser li tikseb~~

~~padrunanza perfetta ta' żewġ lingwi u żewġ kulturi.~~

**Ċert(a) minn dan ?** Il-padrunanza ta' żewġ lingwi rarament tkun perfetta u bbilanċjata.

## #3

### ~~Qatt ma tista' ssir bilingwu jekk~~

~~titgħallem it-tieni lingwa meta tikber wisq.~~

**Falza.** Ma hemm l-ebda limitu tal-età biex tibda titgħallem lingwa oħra.

## #4

### ~~Qabel ma titgħallem lingwa oħra~~

~~l-ewwel għandu jkollok padrunanza perfetta ta' lingwa oħra.~~

**U le !** Il-padrunanza perfetta ta' lingwa hija illużjoni, tkompli titgħallem tul ħajtek kollha.

## #5

### ~~Tfal li jsegwu apprendiment bilingwu bilfors~~

~~irid ikollhom tal-inqas ġenitur wieħed li jkun bilingwu.~~

**Xejn affattu.** It-tagħlim bilingwu huwa indirizzat għat-tfal kollha, ikun xi jkun il-kuntest lingwistiku tal-familja fejn huma jiżviluppaw.

## #6

### ~~Trid tkun student tajjeb biex~~

~~issegwi tagħlim bilingwu.~~

**Falza.** It-tagħlim bilingwu jindirizza lit-tfal kollha, mingħajr ebda distinzjoni.

## #7

### ~~Għandu jiġi evitat~~

~~li jintużaw lingwi differenti fil-klassi.~~

**Għall-kuntrarju,** għaliex min hu bilingwu se jiżviluppa l-lingwi tiegħu b'mod komplementari.

## #8

### ~~Ma tista' qatt titgħallem~~

~~dixxiplina f'lingwa barranija mingħajr ma jkollok padrunanza perfetta ta' dik il-lingwa~~

**Falza.** Kollox jiddependi mill-istrateġiji adottati mill-għalliem li jadatta ruħu għal-livell lingwistiku tal-istudenti.

## #9

### ~~Jekk tgħallem lit-tfal f'żewġ lingwi~~

~~jiżdied ir-riskju ta' diffikultajiet fl-apprendiment tagħhom.~~

**Falza.** It-tfal bilingwi m'għandhomx diffikultajiet biex jitgħallmu aktar minn tfal monolingwi.

## #10

### ~~Il-benefiċċji ta' apprendiment bilingwu~~

~~huma unikament lingwistiċi.~~

**Falza.** Permezz tat-tagħlim bilingwu, tkun tista' wkoll tapprofondixxi l-għarfien tal-lingwi u l-kulturi assoċjati magħhom.

FRANCE ÉDUCATION INTERNATIONAL

© France Éducation international – Département langue française - Juillet 2022.